**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

CCT/48/20/S

Warren Carabott
vs
Jeffrey Schembri

Illum 14 ta' Marzu,2024.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Warren Carabott ippreżentata fit-18 ta' Marzu, 2020 u filwaqt li Jeffrey Schembri għalkemm debitament notifikat baqa' la preżenta risposta u lanqas deher sabiex jikkontesta t-talba rikorrenti.

Ra d-dokumenti preżentati u sema' lir-rikorrenti u t-trattazzjoni magħmula.

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem, din il-pendenza tirrigwarda ftehim biex l-intimat jagħmel xogħol ta' *electrician* pero' l-istess intimat allegatament dam biex jesegwixxi dak miftiehem u fil-fatt l-intimat twaqqaf minn xogħolu u din il-pendenza hija dwar id-depożitu imħallas u jekk dan ikoprix jew le ix-xogħol magħmul sa dak il-punt mill-intimat.

Illi jingħad mill-ewwel li l-intimat Jeffrey Schembri naqas milli jwiegħġeb għat-talba ta' Warren Carabott u lanqas deher għas-seduti li saru.

Illi ghalhekk it-Tribunal għandu biss verżjoni waħda u cioe' dik ta' Warren Carabott li ma ġietx kontradetta bl-ebda mod mill-intimat.

Illi in-nuqqas ta' dehera tal-intimat ma jfissirx li dan it-Tribunal m'għandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu ġustifikat.

Illi r-rikorrenti xehed kif ukoll ippreżenta rapport ikkonfermat bil-ġurament mill-Perit David Cilia li jtenni kif wasal għall-ammont mitlub f'din it-talba. Intalab ukoll l-ammont għas-servizzi tal-Perit li jammonta għal €210.

Illi minn naħa l-oħra, l-intimat ma deherx biex jitfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex jgħati il-verżjoni tiegħu.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u iċ-ċirkostanzi tal-każ, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi jilqa' it-talba ta' Warren Carabott u jordna lil Jeffrey Schemrbi jħallas lill istess Warren Carabott is-somma ta' €1,073 flimkien mas-somma ta' €210 rappreżentanti l-ispejjeż peritali. Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu kollha mill-intimat Jeffrey Schembri.

Richard Sladden Av.
Arbitru